**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar, 2020**

**Rikors nru: 375/05 AGV**

**AB**
**Vs**
**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici pprezentat fit-18 ta' Novembru, 2005 li permezz tieghu ppremetta u talbet is-segwenti:-

1. Peress illi l-kontendenti zzewwgu fl-24 ta' Lulju, 1983 fil-Knisja Parrokkjali ta' Bormla skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. FD1.

2. Peress illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal li tnejn minnhom maggorenni D u E, izda wahda ghadha minuri u cioe' F li twieldet fl-20 ta' Marzu, 1995, ghalhekk it-tlett ulied ghadhom qedghin ighixu flimkien mal-omm.

3. Peress illi l-konvenut rrenda ruhu hati lejn l-attrici ta' sevizzi, eccessi u ingurji gravi fil-konfront tal-attrici.

4. Peress illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment u dan tort unikament tal-istess konvenut.

5. Peress illi kull tentattiv ta' rikonciljazzjoni u medjazzjoni falla.

6. Peres illi l-attrici tinstab awtorizzata tipprocedi ghall-firda personali ai termini tad-digriet numru      tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjugi kontendenti minhabba htija unikament da parti tal-konvenut;

2. Tafda l-kura u kustodja tal-istess tifla minuri taz-zwieg f'idejn l-attrici.

3. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti u penalitajiet stabbilit fl-Artikolu 51 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta

4. Talloka d-dar matrimonjali u cioe' "Gerit Hse," Triq l-Kavalieri ta' Malta, M'skala biex tghix fiha l-attrici mal-istess minuri ad eskluzjoni tal-istess konvenut.

5. Tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti kollha favur l-attrici.

Il-konvenut ingunt in subizzjoni.

Bl-ispejjes.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonjiet tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. Illi ghalkemm l-eccipjent jaqbel li ghandha tigi ddikjarata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, huwa pero' jeccepixxi li r-ragunijiet ghal dan huma imputabbli unikament ghall-attrici.

2. Illi l-eccipjent ihoss li fl-ahjar interess tal-istess tifla, il-kura u kustodja taghha ghandha tkun kongunta, pero' ma ssibx oggezzjoni li hi tirrisjedi mal-attrici bi drittijiet xierqa ta' access favur l-istess eccipjenti.

3. Illi fir-rigward tat-tielet talba, fid-dawl ta' dak rilevat fl-ewwel eccezzjoni, dina hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

4. Illi b'referenza ghar-raba' talba, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz odjern, dan il-fond huwa iktar adattat ghall-eccipjent, filwaqt li l-attrici ghandha diversi fondi alternattivi minn fejn taghzel biex tmur tirrisjedi f' xi wiehed minnhom.

5. Illi rigward il-hames talba, l-eccipjent ma jopponix ruhu ghad-dikjarazjoni ta' xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni izda in vista tal-ewwel eccezzjoni u l-kontro-talba li qed tigi pprezentata, mhux talli l-komunjoni m'ghandhiex tigi likwidata kollha favur l-attrici, izda din ghandha tigi likwidata u maqsuma f'zewg

porzjonijiet u assenjata lil kull wiehed mill-partijiet bl-applikazzjoni kontra l-attrici tad-disposizzjonijiet kontenuti fl-artikolu 48 (1) (b) u (c), u (2) tal-artikolu 51 tal-Kodici Civili.

Il-konvenut ipprevalixxa ruhu mid-dritt li jaghmel kontro-talba fejn ippremetta s-segwenti:-

1. Peress illi l-partijiet izzewwgu fis-26 ta' Lulju, 1983 u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal li wahda minnhom cioe' F, ghadha minorenni.

2. Peress illi minhabba sevizzi, eccessi, adultejru, theddid u ingurji gravi dapparti tal-attrici versu l-konvenut, il-hajja matrimonjali m'ghadhiex aktar possibbli.

3. Peress illi minhabba tortijiet imsemmija fil-premess precedent, l-attrici ddekadiet mid-dritt li tesigi manteniment minghand il-konvenut.

4. Peress illi minhabba l-imsemmija tortijiet tal-attrici, ghandhom ukoll jigu applikati kontra taghha d-dekadenzi l-ohra kontemplati fil-Kodici Civili.

5. Peress illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri li din tibqa' fil-kura u kustodja kongunta tal-partijiet.

6. Peress illi l-konvenut jixtieq li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u martu tigi xolta u likwidata bl-applikazzjoni kontra l-attrici tad-disposizzjonjiet ikkontemplati fl-Artikolu 48 (1) (b) u (c) tal-Kodici Civili.

7. Peress illi l-konvenut qieghed jistitwixxi din il-kawza bis-sahha tal-awtorizzazzjoni ottenuta sija minn martu u sija minnu stess fid-19 ta' Dicembru, 2005.

Tghid l-attrici ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba t-tortijiet fuq imsemmija imputabbli unikament lill-istess attrici;

2. Tiddikjara li l-attrici ddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment minghand il-konvenut.

3. Tapplika kontra l-attrici d-dekadenza mid-drittijiet kontemplati fl-artikoli 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili;

4. Tassenja lill-partijiet il-kura u kustodja legali kongunta tat-tifla minuri taghhom FB.

5. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u tillikwidaha u taqsamha bejn il-partijiet b'mod li, kwantu ghas-sehem spettanti lill-attrici, iigu applikati d-disposizzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 (1c) tal-Kodici Civili.

6. Tikkundanna lill-attrici sabiex tirritorna lill-konvenut il-beni parafernali tieghu.

Bl-ispejjes kontra l-attrici li hija ngunta minn issa in subizzjoni.

Nota tal-Eccezzjonjiet tal-attrici li eccepiet is-segwenti:-

1. Illi l-eccipjenti taqbel illi tigi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan sabiex ma tkomplix tkun soggetta ghall-vjolenza, fizika u psikologika, eccessi, sevizzi, theddid u hajja ta' terur minn zewgha CB li kien unikament responsabbi ghat-tkissir taz-zwieg taghhom u dan ghaliex matul is-snin kollha taz-zwieg taghhom kien kontinwament vjolenti fil-konfront mhux biss taghha, izda ukoll ta' uliedhom li ghexu dejjem taht biza u terur kontinwu u dan kif ser jirrizulta mill-provi waqt il-mori tal-kawza.

2. Illi dwar it-tieni talba l-eccipjenti titlob li ghandha tigi ffissata retta alimentari ghaliha u ghal bintha minuri u dan ghaliex m'ghandhiex introjtu fuq xiex tghix hija u uliedha kuntrarjament ghal dak li ghandu zewgha, tant li qiedgha tbati minn sitwazzjoni finanzjarja kbira u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha takkordalHa l-komunjoni tal-akkwisti inkluz, izda mhux limitatament id-dar "Gerit," Triq il-Kavallieri ta' Malta, Marsascala li ghal dawn l-ahhar hames snin serviet u ghadha sservi bhala d-dar matrimonjali taghha.

3. Illi fil-konfront tat-tielet talba l-Artikoli 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta) ghandhom jigu applikati anke fil-konfront ta' CB.

4. Illi dwar il-kura u kustodja ta' F l-eccipjenti toggezzjona bil-qawwa ghal dina t-talba u thoss li huwa fl-interess tat-tifla stess li dina tkun f'data esklussivament f'idejha u dan ghaliex hija minn dejjem hadet hsieb mhux biss it-trobbija tajba ta' F, izda ukoll ta' zewg uliedhom l-ohra. Jekk dina l-Onorabbli Qorti tiddeciedi,

wara li tkun semghet ix-xhieda li ser jigu prodotti, li jkun hemm xi forma ta' access ghall-minuri, dan ghandu jkun taht supervizjoni ta' specjalisti sabiex jigu evitati xi abbuzi, mohqrija u theddid fil-konfront tal-minorenni.

5. Illi l-eccipjenti taqbel illi jkun hemm ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, izda din ghandha tkun esklussivament kollha favur taghha u dan ghaliex m'ghandhiex tkompli ssofri l-konsegwenzi tal-vjolenzi, theddid, adulterji, eccessi u sevizzi li hija soffriet matul it-22 sena ta' zwieg u ghalhekk ghandha tigi applikata l-Artikolu 51 bl-effetti u l-penalitajiet kollha mahsuba.

6. Illi dwar is-sitt u l-ahhar talba l-eccipjenti m'ghandha ebda beni parafernali ta' zewgha fil-kustodja taghha, anzi huwa CB li ha diversi oggetti mid-dar matrimonjali taghhom fosthom anke flus kontanti li hija ma tafx fejn jinsabu u ghalhekk huwa ghandu jaghtiha rendikont fidil taghhom u jirritornahom.

   Rat li b'digriet tas-16 ta' Gunju, 2006, dina l-Onorabbli Qorti nnominat lil Dr. Audrey Demicoli bhala perit legali, li b'digriet tas-27 ta' Ottubru, 2006 giet issostitwita minn Dr. Joseph Bonnici.

## <u>FATTI</u>

1. FB, bint il-kontendenti tirrakkonta tfulitha llum li ghandha dsatax-il sena u qed tistudja l-accounts. Tispjega li meta bdew il-proceduri ta' separazzjoni, kien ghad kellha 10 snin u tiftakar sew li missierha kien

jahqar lil ommha u jittrattaha hazin. Tghid li kien hemm hafna swat kontinwu u kienet tkun imwerwra.

2. Kien hemm incident fejn il-konvenut kien beda jsawwat lill-attrici u x-xhud, flimkien ma' huha rrnexxielhom jaharbu mid-dar, filwaqt li ohthom Maria baqqghet id-dar tiddefendi lil ommhom u qalet l-iswat hi ukoll. Meta ommhom irnexxielha tahrab, hareg warajha u pprova jtajjarha bil-karozza, sakemm sabet kenn f'karozza ma' zewgt ixjuh.

3. Ix-xhud tghid ukoll illi ommha l-attrici kienet dghajfa ghaliex kull darba kienet tahfirlu u wara gimgha kienet terga' taqla' l-iswat. Imbaghad ma kinitx cediet meta kienet qalghet xebgha kbira u l-konvenut kien spicca ghaxar xhur habs. Dakinhar kienet spiccat taghmel il-punti u t-tabib li kien ikkuraha rrapporta lill-pulizija.

   Tispjega ukoll li l-konvenut kien isawwat lil hutha D u E kull meta kienu jippruvaw jfirduhom sabiex ommhom setghet tahrab.

4. FB spjegat ukoll li missierha kien anke jghajjar u jinsulenta lill-attrici kontinwament u tghid li qatt ma semghetu jghidilha xi haga sabiha. Kien ighidilha ukoll li ma kinitx tajba ghalih u aktar kienu jghoddu ghalih tfajliet ta' sittax-il sena. L-istess kien jaghmel lilha tghid ix-xhud.

   Tametti li l-konvenut kien iqatta' granet barra jixrob u jisker, izda kemm jekk kien f'sensieh kemm jekk kien fis-sakra, xorta kien isawwatha jew jidghi. Minkejja dan anke meta l-konvenut kien jidhol

id-dar fis-sakra u kien ihossu hazin, l-attrici kienet tnaddaf warajh u tiehu hsiebu.

Tispjega li meta l-attrici ma felhitx iktar kienet hadet lilha u lil hutha u kienu harbu mid-dar, tant li spiccaw ighixu bil-karita' tan-nies. L-attrici kienet tispicca ukoll tiddejjen sabiex setghet isostni l-familja taghha. L-istess kienet ghamlet l-attrici, tghid ix-xhud biex setghet tkompli l-istudji taghha tal-ACCA. Tistqarr li l-konvenut qatt m'ghamel xejn ghalihom, lanqas qatt m'ghenhom u minflok tahom il-flus, kien spicca ghamel diversi mandati fuq il-kumpanija tal-attrici.

Kien hemm ukoll problemi ta' flus, ghaliex il-konvenut ma kienx ighaddi flus lill-attrici. Kien jiehu ukoll kull sold li kien hemm mill-kumpanija tal-attrici. Il-Qorti kienet ordnatlu sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' Lm10 bhala manteniment ghal istess xhud, izda tghid li l-konvenut ma tantx kien ihallas u kien jippreferi jispicca l-habs milli jghin lill-familja tieghu jew jonfoqhom fuq hrug u xorb.

Bint l-attrici tghid ukoll li l-aghar haga li ghamlilha missierha, kien li kien abbuza minnha u minhabba f'hekk kien spicca hames snin habs.[1]

**<u>RESPONSABBILITA'</u>**

F'dina l-kawza, jirrizulta li kien hemm nuqqas ta' hegga da parti tal-kontendenti sabiex jikkonkludu l-kaz. Il-perit Legali Dr. Joe Bonnici, kellu jipprezenta l-inkartament mal-atti tal-kawza, izda naqas li jaghmel dan. Ghalhekk, dina l-Onorabbli Qorti tinstab

[1] Ara dok. A a fol. 166 tal-process.

f'sitwazzjoni fejn jezistu ftit wisq provi. L-unika xhieda hija ta' binthom F li titkellem biss fuq ir-responsabbilita'.

Jirrizulta li kien hafna problemi ta' swat u domestika vjolenza fuq l-attrici, kif ukoll fuq it-tfal tal-kontendenti. Il-konvenut kien jixrob ukoll. L-attrici donnha kienet tipprova tahfirlu u kienet terga' taqla' l-iswat.

Il-konvenut abbuza minn binthom u spicca anke jiskonta sentenza ta' hames snin habs.

Kien hemm problemi finanzjarji ukoll, ghaliex il-konvenut kien juza' l-flus kollha u addiritura kien jiehu kull sold li kien hemm fil-kumpanija tal-attrici, li minn naha taghha dejjem hadmet biex tghin lit-tfal ikomplu l-istudji taghhom.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u***

***jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli,***

***huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Dwar it-theddid u vjolenza "***il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certu mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima."***

In tema legali fir-rigward ta' separazzjoni personali gie ritenut illi:-

***"Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex, kif inghad, "huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb."***[2]

Dejjem fuq it-tema tal-vjolenza domestika gie ddikjarat mill-Qorti tal-Appell illi:-

***"Din il-Qorti filwaqt li tqis kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabbilita' fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommetih, tifhem li l-grad ta' vjolenza seta' mbaghad ikun fattur determinant biex ir-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg tigi esklussivament addebitata lil dik il-parti. U meta l-vjolenza u l-aggressjoni tkun tidher mill-atti illi tkun saret mod ta' hajja tant li tkun riflessa fil-karattru tal-persuna, ftit jibqghu difizi li jistghu jingiebu b'gustifikazzjoni ghal tali agir."***[3]

---

[2] Joanne Tabone pro.et.noe. vs Jesmond Tabone Prim'Awla 03.10.2003
[3] Doris Mizzi vs Mario Mizzi – Appell – 19.05.2000

Ghaldaqstant, dina l-Onorabbli Qorti thoss li hemm bizzejjed provi sabiex il-konvenut jinzamm responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg minhabba sevizzi, mohqrija, eccessi u ingurji gravi.

**KURA U KUSTODJA**

Fli kienet l-unika tifla minorenni meta nfethet il-kawza, illum hija maggorenni u ghalhekk dina l-kwistjoni giet sorvolata.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un***

***aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898].”***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta’ Gunju, 1967 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu “***f’sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l’abitazione e la vita comune.”***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b’success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m’hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b’mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza’ mpossibbli da parti ta’ xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Gunju, 1961** gie enunciat illi : “***Certi fatti, kliem u modi ta’ azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi.”*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li “***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta’ dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz.”***

Dwar it-theddid u vjolenza "***il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certu mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima."***

In tema legali fir-rigward ta' separazzjoni personali gie ritenut illi:-

***"Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex, kif inghad, "huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb."***[4]

Dejjem fuq it-tema tal-vjolenza domestika gie ddikjarat mill-Qorti tal-Appell illi:-

***"Din il-Qorti filwaqt li tqis kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabbilita' fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommetih, tifhem li l-grad ta' vjolenza seta' mbaghad ikun fattur determinant biex ir-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg tigi esklussivament addebitata lil dik il-parti. U meta l-vjolenza u l-aggressjoni tkun tidher mill-atti illi tkun saret mod ta' hajja tant li tkun riflessa fil-karattru tal-persuna, ftit jibqghu difizi li jistghu jingiebu b'gustifikazzjoni ghal tali agir."***[5]

**KURA U KUSTODJA**

Fli kienet l-unika tifla minorenni meta nfethet il-kawza, illum hija maggorenni u ghalhekk dina l-kwistjoni giet sorvolata.

---

[4] Joanne Tabone pro.et.noe. vs Jesmond Tabone Prim'Awla 03.10.2003
[5] Doris Mizzi vs Mario Mizzi – Appell – 19.05.2000

**MANTENIMENT**

Fil-mori tal-proceduri t-tifla F kienet qed tistudja biex taghmel xoghol ta' accountant. Minkejja li ma ngabux provi dwar l-introjtu tal-konvenut, jibqa' l-fatt li bhala missier ghandu l-obbligu li jhallas il-manteniment u peress li bintu kienet jew ghada qed tistudja dan l-obbligu jibqa' jissussisti sakemm it-tifla taghlaq 23 sena. L-ammont ghandu jkun ta' €200 fix-xahar u ghandu jhallas ukoll nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Ghal darb'ohra dina l-Onorabbli Qorti se ssibha difficli peress li ma tressqux provi dwar il-kontenut tal-istess u ghalhekk mhix in grad li tiddeciedi t-talbiet attrici f'dan ir-rigward.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u l-ewwel kontro-talba u tippronunzja s-separazzjoni minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' mohqrija, eccessi, sevizzi, theddid, minacci u ngurji gravi.

2. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tieni talba stante li t-tfal illum huma lkoll maggorenni.

3. Tilqa' t-tielet u r-raba' talba attrici.

4. Tilqa’ l-hames u s-sitt talba attrici.
5. Tichad it-tieni u t-tielet kontro-talba.
6. Tastjeni mir-raba’ kontro-talba.
7. Tilqa’ il-hames kontro-talba, minkejja li l-kontendenti ma gabux provi fuq il-komunjonji tal-akkwisti.
8. Tilqa’ s-sitt kontro talba.

Bl-ispejjes ghandhom jinqassmu bin-nofs.

**Onor. Anthony G Vella**

**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Deputat Registratur**